IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2014
SWD(2014) 29 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 rigward l-iskema ta' għajnuna għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi

{COM(2014) 32 final}
{SWD(2014) 28 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 rigward l-iskema ta' għajnuna għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi

1. INTRODUZZJONI

L-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel (SĦS) u l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel (SFS) jimmiraw li jżidu b'mod sostenibbli s-sehem ta' frott u ħxejjex u prodotti tal-ħalib fid-dieti tat-tfal meta d-drawwiet alimentari tagħhom ikunu qed jiġu ffurmati. Dawn jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PAK u huma konformi mal-objettivi tas-saħħa pubblika, jiġifieri li jissawru drawwiet alimentari tajbin.

Ir-raġunament li wassal għall-istabbiliment taż-żewġ skemi għall-iskejjel għadu rilevanti fil-kuntest attwali ta' tnaqqis fil-konsum[1] ta' frott u ħxejjex u prodotti tal-ħalib, aggravat fost l-oħrajn mit-tendenzi moderni ta' konsum lejn ikel ipproċessat ħafna li spiss għandu ammonti kbar ta' zokkor, melħ u xaħam miżjuda.

2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-konklużjonijiet minn diversi rapporti[2] u mill-esperjenza wara snin ta' implimentazzjoni jindikaw ċerti nuqqasijiet u ineffiċjenzi fil-funzjonament tal-iskemi attwali:

(1) Iż-żewġ skemi qed jimmiraw għal bidla sostenibbli fid-drawwiet alimentari tat-tfal permezz tad-dimensjoni edukattiva tagħhom. Iżda hemm **distakk bejn l-istruttura tal-iskemi u dan l-objettiv**. Id-dimensjoni edukattiva kienet mibnija fi ħdan l-SFS sa mill-bidu, filwaqt li l-SĦS ma tobbligax lill-Istati Membri biex jużaw għodod edukattivi speċifiċi u r-rabta bejn il-prodotti mqassma u l-iskema hija żgħira. Barra

---

[1] Skont dejta tal-Freshfel, hemm tendenza ta' tnaqqis fil-konsum ta' frott u ħxejjex friski, li waqa' b'aggregat ta' 9.4% għall-frott u 10.3% għall-ħxejjex fil-perjodu 2005-2010. Dan naqas bi 3% fl-2011 meta mqabbel mal-medja għall-perjodu preċedenti. Skont dejta tal-Eurostat u tad-DĠ AGRI, fil-perjodu 2003-2011 il-konsum stmat ta' ħalib tax-xorb fl-UE naqas b'5%. Il-konsum globali *per capita* ta' prodotti tal-ħalib, imfisser f'ekwivalenti ta' ħalib, naqas ukoll b'5% f'10 snin minn 302 kg għal 286 kg fl-2011, għalkemm għal ċerti prodotti tal-ħalib, bħall-ġobnijiet, il-konsum kien stabbli jew saħansitra żdied.

[2] Rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 10 tal-2011 "Huma effettivi l-Iskemi tal-Ħalib għall-Iskejjel u tal-Frott għall-Iskejjel?", l-evalwazzjonijiet esterni tal-SFS (2012) u l-SĦS (2013), immexxija minn AFC Consulting Group AG u Co Concept.

minn hekk, is-sistemi ta' evalwazzjoni tal-iskemi jeħtieġu titjib biex tkun tista' titkejjel l-effikaċja tagħhom.

(2) Hemm **nuqqas ta' koordinazzjoni u konsistenza bejniethom** li tista' taffettwa b'mod negattiv l-effikaċja tar-reġim kollu. Din il-problema ġejja mill-oqfsa legali u finanzjarji differenti, differenzi fis-suq bejn il-prodotti involuti u d-deċiżjonijiet fil-livell tal-Istati Membri fuq kif għandhom jiġu implimentati ż-żewġ skemi.

(3) Il-funzjonament tal-iskemi huwa kkaratterizzat minn **defiċjenzi oħra li jillimitaw l-impatt immedjat tagħhom**, li huma jew komuni (bħall-piż amministrattiv u organizzattiv għoli), jew speċifiċi għall-SFS (b'mod partikolari nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' madwar 30% tal-potenzjal tagħha u diskrepanzi kbar fl-ispejjeż tal-prodotti involuti fid-distribuzzjoni) jew għall-SĦS (effett deadweight potenzjali, proporzjon baxx ta' kostijiet-benefiċċji).

3. SUSSIDJARJETÀ

Id-dritt tal-UE li taġixxi f'dan il-qasam huwa stabbilit fl-Artikoli 38 – 44 tat-Trattat li fihom hemm id-dispożizzjonijiet dwar il-PAK. Għadd ta' elementi jikkonfermaw li azzjoni fuq livell tal-UE hija xierqa u tipprovdi valur miżjud:

Qafas tal-UE jipprovdi l-ewwel nett il-**finanzjament meħtieġ** biex jiġu implimentati inizjattivi siewja madwar l-UE, għaliex bosta Stati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jimplimentaw dawn l-inizjattivi bir-riżorsi tagħhom stess biss. Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet jikkonkludu li l-qafas tal-UE wassal għal **programmi li għandhom kredibilità akbar fl-Istati Membri**, għal viżibilità tal-iskemi, kif ukoll għal immaġni mtejba u għarfien tal-UE. Nuqqas ta' azzjoni mill-UE u l-kontinwazzjoni ta' attivitajiet esklussivament fuq livell tal-Istati Membri joħolqu **riskju ta' diskriminazzjoni bejn produtturi** f'dawk il-pajjiżi li m'għandhomx aċċess għall-iskemi għall-iskejjel bħala suq disponibbli. Ir-reġim tal-UE jipproduċi valur miżjud addizzjonali fuq dawk l-iskemi nazzjonali diġà eżistenti għaliex dan iwassal għal **għarfien kontinwu, trasparenza u trasferiment ta' esperjenza** fost l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw.

4. OBJETTIVI

Sabiex jintlaħqu l-objettivi ġenerali li jiżdied il-konsum ta' frott u ħxejjex u prodotti tal-ħalib u li jingħata kontribut lejn it-tiswir ta' dieti aktar tajbin għas-saħħa, l-<u>objettivi speċifiċi u operattivi</u> għandhom l-għan li jadattaw il-qafas attwali tal-iskemi biex:

(1) **L-istruttura attwali tiġi ffokata mill-ġdid lejn objettivi fuq żmien twil**, bi ħsieb li tgħammar iż-żewġ skemi bl-għodod edukattivi, u **tikkontribwixxi biex tqarreb mill-ġdid liċ-ċittadini żgħażagħ lejn l-ikel u s-sors tiegħu**, biex b'hekk jissaħħu l-perċezzjonijiet tal-agrikoltura u l-prodotti tagħha. Dawn l-objettivi speċifiċi jissarrfu f'dawn l-objettivi operazzjonali li ġejjin immirati lejn:

– It-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tad-dimensjoni edukattiva tas-sistemi attwali permezz ta' għodod edukattivi obbligatorji,

– Iż-żieda fir-rabta bejn il-prodotti u l-iskema (valur miżjud tal-UE),

– L-iżvilupp ta' metodoloġija ta' evalwazzjoni komuni għall-evalwazzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri u monitoraġġ annwali.

(2) **Jingħaqdu u jiġu kkonsolidati l-oqfsa legali u finanzjarji separati attwali u tiżdied il-viżibilità tal-intervent tal-UE**. L-objettivi operattivi jimmiraw lejn:

– Żieda fis-sinerġiji bejn iż-żewġ skemi attwali u l-effiċjenza fil-ġestjoni tagħhom,

– Żieda fil-viżibbiltà tal-iskemi tal-UE.

(3) **Tiżdied l-effiċjenza fl-infiq iddedikat għall-promozzjoni tal-konsum ta' prodotti agrikoli fl-iskejjel,** b'objettivi operattivi mmirati lejn:

– It-titjib tal-kundizzjonijiet li jaffettwaw l-użu tal-potenzjal tal-baġit,

– Is-simplifikazzjoni tal-qafas legali u t-tnaqqis fil-piż amministrattiv/organizzattiv.

5. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Fil-proċess ta' analiżi ta' għażliet differenti, erba' għażliet ġew imwarrba[3], filwaqt li l-għażliet li ġejjin ġew analizzati aktar fil-fond:

5.1. Għażla Nru 1: PAK 2020 (*status quo*)

L-għażla tal-*istatus quo* diġà tintegra l-bidliet miġjuba mir-riforma tal-PAK 2020, li żżomm l-oqfsa legali u finanzjarji separati attwali, flimkien mal-bidliet miftiehma għaż-żewġ skemi. L-SFS: baġit miżjud għal €150 miljun kull sena, rati ogħla ta' kofinanzjament tal-UE (75%, jew 90% għal reġjuni inqas żviluppati), u l-eliġibbiltà ta' miżuri ta' akkumpanjament għall-kofinanzjament tal-UE. L-SĦS: obbligu għall-Istati Membri biex ifasslu strateġiji nazzjonali jew reġjonali u miżuri volontarji ta' akkumpanjament. L-arranġamenti finanzjarji tal-SĦS jibqgħu l-istess (għajnuna tal-UE għal kull prodott €18.15/100kg, l-ebda limitu massimu globali fuq l-infiq tal-UE).

5.2. Għażla Nru 2: Aġġustament

Din l-għażla hija intenzjonata biex tesplora jekk l-objettivi jistgħux jinkisbu billi l-oqfsa separati jibqgħu l-istess, jiġifieri l-finanzjament tal-PAK 2020 u l-għażla tal-prodotti iżda li jiġu introdotti l-aġġustamenti li ġejjin:

– l-introduzzjoni ta' miżuri obbligatorji ta' akkumpanjament anki għall-SĦS,

– it-tqarrib tal-oqfsa attwali permezz ta' aġġustamenti regolatorji (rekwiżiti ta' strateġiji komuni, dispożizzjonijiet komuni u amministrattivi relatati mal-kontrolli eċċ.), u

[3] "L-ebda politika", li ġiet imwarrba fuq il-bażi tal-analiżi dwar il-ħtieġa għal intervent kontinwu tal-iskejjel; "il-waqfien tal-SĦS biss", ukoll mhijiex konformi mal-analiżi tar-rilevanza biex titkompla d-distribuzzjoni tal-ħalib; "qafas ġdid li jiffoka fuq gruppi soċjo-ekonomikament żvantaġġjati biss", li ġiet imwarrba għaliex l-Istati Membri huma f'pożizzjoni aħjar biex jimmiraw u jipprijoritizzaw l-intervent tagħhom, u "qafas ġdid b'distribuzzjoni regolari ta' għażla usa' ta' prodotti agrikoli", li ġew imwarrba fuq il-bażi tar-riżultat tal-konsultazzjoni pubblika, il-proporzjonalità u piż ta' implimentazzjoni potenzjalment kbir.

– aktar sinerġiji lil hinn mill-PAK 2020.

5.3. Għażla Nru 3: Qafas ġdid

Din l-għażla tipprevedi **qafas legali u finanzjarju komuni** għall-iskemi tal-PAK għall-iskejjel, ibbażata fuq it-tliet "pilastri":

i) **Miżuri komuni ta' akkumpanjament**, b'fokus edukattiv fuq it-tqarrib mill-ġdid tat-tfal lejn kwistjonijiet agrikoli, ta' nutrizzjoni/saħħa u ambjentali, li kultant jistgħu jinkludu għażla akbar ta' prodotti agrikoli f'miżuri tematiċi (li jridu jiġu approvati mill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa).

ii) Il-limitazzjoni tad-distribuzzjoni għal **frott frisk u ħxejjex** (inkluża l-banana) **u ħalib tax-xorb biss**. Dan għandu jiffoka d-distribuzzjoni fi ħdan il-baġit limitat, jirrifletti l-prattika kurrenti l-aktar frekwenti, inaqqas il-piż amministrattiv għall-iskejjel, u jkun konformi mal-ħtieġa għall-għajnuna biex jitreġġgħa lura t-tnaqqis fit-tendenzi ta' konsum għal dawn iż-żewġ gruppi ta' prodotti.

iii) **Qafas ta' finanzjament komuni b':**
- baġit globali tal-UE limitat (newtrali għall-finijiet tal-PAK 2020, bl-introduzzjoni ta' limitu massimu anki għall-ħalib), allokat għall-Istati Membri f'"pakketti" separati għal frott u ħxejjex u ħalib, b'possibbiltà ta' trasferiment bejniethom (prijoritizzazzjoni tal-intervent permezz ta' strateġiji);
- limitazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-UE permezz ta' għajnuna għal kull porzjon għal frott u ħxejjex u ħalib (mhux permezz tal-livelli ta' kofinanzjament tal-UE kif attwalment jinsab taħt l-SFS);
- żieda fis-sussidju tal-UE għall-ħalib sabiex jitnaqqas l-effett ta' deadweight u jiżdiedu l-kostijiet-benefiċċji tad-distribuzzjoni.

6. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

6.1. Impatti ekonomiċi

- **Impatt dirett, indirett u għal żmien fuq id-domanda**

Taħt l-għażla Nru 1, l-impatt dirett u indirett fuq id-domanda għal prodotti ta' frott u ħxejjex x'aktarx se jiżdied għall-SFS minħabba l-baġit ogħla u miżuri msaħħa ta' akkumpanjament. Id-domanda akbar tista' toħloq aktar benefiċċji għall-produtturi lokali (l-iskejjel bħala "niċċa" addizzjonali għall-prodotti tagħhom) jekk il-prodotti jinxtraw lokalment, u tinkoraġġixxi forom differenti ta' kooperazzjoni biex tintlaħaq id-domanda tas-swieq istituzzjonali.

L-impatt fuq id-domanda għal prodotti tal-ħalib taħt SĦS x'aktarx li jkun stabbli, filwaqt li l-impatt fuq żmien jiddependi fuq l-Istati Membri (jekk iwettqu miżuri edukattivi). L-istrateġiji nazzjonali jistgħu jiġu pperċepiti bħala piż amministrattiv, li possibilment inaqqsu l-attrattività tal-SĦS. Jekk il-prezzijiet tal-ħalib/prodotti tal-ħalib ipproġettati jiżdiedu, l-għajnuna tal-UE lejn l-ispejjeż tal-prodotti se tkompli tinżel jekk il-livelli tas-sussidju tal-UE ma jinbidlux.

Taħt l-għażla Nru 2, il-potenzjal dirett f'termini ta' volumi mqassma huwa mistenni li jkun simili għal dak taħt l-għażla Nru 1, filwaqt li l-impatt indirett u fuq żmien għandu jiżdied b'miżuri obbligatorji ta' akkumpanjament għal SĦS. Iżda, tnaqqis sinifikanti fil-piż amministrattiv jista' jkun inċentiv għal parteċipazzjoni u użu aħjar tal-potenzjal.

L-impatt dirett fuq id-domanda għal frott u ħxejjex taħt l-għażla Nru 3 huwa simili għall-għażla Nru 1, iżda dirett aktar lejn il-frott u l-ħxejjex friski. Il-baġit globali tal-UE limitat għall-ħalib mhux se jkollu impatt fuq il-volumi ta' prodotti mqassma, imma dawn għandhom ikunu ogħla għall-ħalib tax-xorb (minħabba prodotti oħra tal-ħalib). Il-livelli ogħla ta' sussidju tal-UE x'aktarx iġibu tnaqqis fil-kwantitajiet imqassma, jekk iż-żidiet nazzjonali jew il-kontribuzzjonijiet privati jibqgħu ma jinbidlux. L-impatti fuq żmien twil huma mistennija li jkunu ogħla taħt din l-għażla b'miżuri mtejba ta' akkumpanjament.

- **Konsum**

Taħt l-għażla Nru 1, **il-konsum dirett u indirett** ta' frott u ħxejjex, fuq żmien qasir kif ukoll twil, huwa mistenni li jkun ogħla taħt l-SFS. Il-konsum ta' prodotti tal-ħalib taħt SĦS għandu jkun stabbli.

L-għażla Nru 2 x'aktarx li jkollha impatt ogħla fuq il-konsum permezz tal-miżuri obbligatorji ta' akkumpanjament kemm għall-iskemi kif ukoll għall-ippjanar strateġiku komuni.

L-għażla Nru 3 mistennija tħalli impatt aktar dirett fuq il-konsum tal-ħalib tax-xorb u l-frott u l-ħxejjex friski (fejn it-tendenzi ta' konsum qed jonqsu) u impatt indirett anki fuq il-varjetà wiesgħa ta' prodotti permezz ta' miżuri ta' akkumpanjament.

- **Id-dħul u l-prezzijiet tal-bdiewa**

L-iskemi għall-iskejjel m'għandux ikollhom impatt sinifikanti fuq **id-dħul u l-prezzijiet tal-bdiewa**, bl-eċċezzjoni ta' possibbiltà għall-produtturi li jiżviluppaw opportunitajiet alternattivi tas-suq barra l-iskola (jiġu avviċinati l-ġenituri u simili). L-orjentazzjoni lejn prodotti lokali żżid it-trasparenza dwar kif inħoloq il-prezz finali (jekk ikun hemm provenjenza diretta). L-għażla Nru 2 tagħti possibilitajiet akbar għad-diversifikazzjoni ta' attivitajiet u involviment fil-miżuri ta' akkumpanjament anki taħt l-SĦS. Minbarra hekk, l-għażla Nru 3 mistennija li toħloq aktar kondizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-prezz tal-prodotti ta' frott u ħxejjex imqassma, li tista' tinħass mill-produtturi jekk il-prodotti jinxtraw direttament.

- **Innovazzjoni**

L-iskemi għall-iskejjel għandhom potenzjal limitat biex titrawwem l-**innovazzjoni** u r-riċerka għall-ħolqien ta' prodotti, pakketti u prodotti simili favur it-tfal.

- **Kummerċ ma' pajjiżi terzi**

L-għażliet kollha huma konformi mal-obbligi kummerċjali internazzjonali tal-UE, anke jekk l-impatt tal-iskemi fuq il-kummerċ mhuwiex sinifikanti minħabba l-volumi limitati u l-aktar ix-xiri lokali/reġjonali tal-prodotti.

6.2. Impatti soċjali

- **Saħħa pubblika**

Il-konsum ta' frott u ħxejjex u prodotti tal-ħalib huwa ta' benefiċċju mill-aspett tas-saħħa pubblika. L-impatt ta' ċerti prodotti tal-ħalib fuq il-ġestjoni tal-piż jiddependi fuq l-għażla ta' prodotti, id-daqsijiet ta' porzjonijiet u l-frekwenza. Strateġiji obbligatorji taħt l-SĦS taħt l-għażla Nru 1 se jirriżultaw fi skema li tkun immirata b'mod aħjar. L-għażla Nru 2 x'aktarx ser ikollha impatti akbar minħabba l-miżuri obbligatorji ta' akkumpanjament li jinkludu wkoll l-edukazzjoni nutrittiva. L-għażla Nru 3 se jkollha impatt akbar fuq is-saħħa pubblika permezz tal-limitazzjoni ta' distribuzzjoni regolari għal frott u ħxejjex friski u ħalib tax-xorb biss, l-involviment ta' awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa fl-approvazzjoni ta' prodotti u l-immirar aħjar permezz ta' strateġiji komuni.

- **Bilanċ soċjali u territorjali**

L-għażla Nru 1 tiżgura l-impatt kontinwu ta' distribuzzjoni fl-iskejjel fuq il-bilanċ soċjali u dak territorjali (l-Istati Membri jistgħu jiffokaw u jipprijoritizzaw permezz tal-istrateġiji tagħhom). Livelli ogħla ta' kofinanzjament tal-PAK2020 jipprovdu għal appoġġ akbar għar-reġjuni inqas żviluppati taħt l-SFS (90%). Il-livell ta' sussidju baxx taħt l-SĦS ta' spiss ikun jeħtieġ kontribuzzjonijiet finanzjarji pubbliċi jew privati sinifikanti. L-għażla Nru 2 għandha impatti simili bħall-għażla Nru 1. L-għażla Nru 3 hija ta' benefiċċju għar-reġjuni/għall-Istati Membri f'diffikultajiet ekonomiċi bl-abolizzjoni ta' kofinanzjament obbligatorju għal frott u l-ħxejjex, filwaqt li r-rata fissa għal kull porzjon tkun favorevoli għall-maġġoranza tar-reġjuni inqas żviluppati fejn il-prodotti huma irħas.

- **Impjiegi u ħolqien tax-xogħol**

L-iskemi għall-iskejjel m'għandhomx potenzjal li joħolqu impatt sinifikanti fuq l-impjiegi u l-ħolqien tax-xogħol, ħlief permezz tad-diversifikazzjoni ta' attivitajiet u kooperazzjoni.

6.3. Impatti ambjentali

L-għażla Nru 1 tinkoraġġixxi konsiderazzjonijiet ta' xiri lokali u ambjentali għall-SFS. Ħafna pakketti tal-Istati Membri użati għad-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex jistgħu jerġgħu jintużaw jew tal-inqas huma riċiklabbli. Il-miżuri ta' akkumpanjament jistgħu jintegraw ukoll l-edukazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali. L-għażla Nru 2 issaħħaħ l-elementi tal-aħħar anki għall-SĦS. L-għażla Nru 3 għandha potenzjal ta' aktar impatti pożittivi permezz tal-limitazzjoni ta' prodotti inklużi fid-distribuzzjoni.

6.4. Impatti fuq il-baġit

Taħt l-għażla Nru 1, l-impatt fuq il-baġit tal-UE se jibqa' kif stmat għar-riforma PAK2020. Il-prinċipju ta' kofinanzjament taħt l-SFS jeħtieġ kontribuzzjonijiet nazzjonali, filwaqt li l-impatt tal-SĦS fuq baġits nazzjonali jiddependi fuq l-involviment tal-Istati Membri (żidiet volontarji) u kontribuzzjonijiet privati (l-aktar mill-ġenituri). L-għażla Nru 2 hija newtrali għall-baġit meta mqabbla mal-*istatus quo*, b'inċertezza limitata rigward il-baġit tal-UE, peress li m'hemm ebda pakkett ġenerali li jillimita l-infiq tal-UE. L-għażla Nru 3 hija wkoll newtrali għall-baġit iżda tillimita l-kontribuzzjoni tal-UE anki għall-ħalib. Il-kontribuzzjonijiet

nazzjonali se jkunu meħtieġa jekk l-Istati Membri jridu jkabbru l-ambitu u/jew l-intensità tal-iskemi tagħhom.

6.5. Piż amministrattiv u simplifikazzjoni

Taħt l-*istatus quo* (għażla Nru 1), in-numru ta' obbligi kwantifikabbli huwa stmat għal 54 obbligu ta' informazzjoni. L-ispejjeż amministrattivi totali għall-SFS huma stmati għal €1.08 miljun, filwaqt li għall-SĦS huma madwar €5.27 miljun. L-għażla Nru 2 iġġib tnaqqis konsiderevoli fil-piż amministrattiv, bi tnaqqis possibbli ta' obbligi kwantifikabbli minn 54 għal 39 (30%). Mill-miżuri obbligatorji ta' akkumpanjament jista' jinħoloq piż organizzattiv addizzjonali anki għall-SĦS. L-għażla Nru 3 simili għall-għażla Nru 2 mistennija li jkollha l-istess impatti iżda li huma aktar ċerti fuq il-piż amministrattiv. Minbarra dan hija mfassla b'tali mod biex tkompli tnaqqas aktar il-piż organizzattiv b'lista aktar stretta ta' prodotti għad-distribuzzjoni.

7. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

7.1. Effikaċja

Taħt l-għażla Nru 1 se jibqa' jeżisti d-distakk fid-dimensjoni edukattiva u konsegwentement fl-impatti fuq żmien twil bejn iż-żewġ skemi. Hija tindirizza xi wħud min-nuqqasijiet għall-SFS iżda m'għandha l-ebda impatt fuq motivaturi oħra li jwasslu għal prestazzjoni subottimali taż-żewġ skemi.

L-għażla Nru 2 tipprovdi kontribut aħjar għall-objettivi fuq żmien twil tal-iskemi permezz tad-dimensjoni edukattiva msaħħa tal-SĦS. Hija wkoll pożittiva fir-rigward sinerġiji miżjuda iżda dawn huma limitati minħabba arranġamenti finanzjarji differenti. Hija għandha, madankollu, impatt limitat fuq id-defiċjenzi l-oħra li jillimitaw l-impatt immedjat ta' infiq u l-użu tal-potenzjal.

L-għażla Nru 3 għandha l-akbar potenzjal biex jintlaħqu l-objettivi identifikati fi ħdan baġit li jibqa' l-istess, filwaqt li xxaqleb il-fokus tas-sistemi tal-iskejjel attwali lejn l-objettivi fuq żmien twil. Ir-reġim tal-iskejjel ikun jista' jirreaġixxi aħjar għall-problemi ta' konsum dejjem jonqos ta' frott u ħxejjex u ħalib u obeżità li qed tiżdied. Dan jippermetti l-effiċjenza fil-ġestjoni, jippermetti flessibilità u prijoritizzazzjoni. Hija għandha l-potenzjal biex iżżid l-effiċjenza tad-distribuzzjoni, għaliex tindirizza ħafna mill-motivaturi li joħolqu l-problemi (dawk li jistgħu jiġu indirizzati minn din ir-reviżjoni).

7.2. Effiċjenza

Il-bidliet limitati fl-arranġamenti finanzjarji u fil-livell tal-piż amministrattiv taħt l-għażla Nru 1 se jkomplu l-proporzjon baxx ta' kostijiet-benefiċċji marbut mal-implimentazzjoni. Varjazzjonijiet qawwija fl-effiċjenza tad-distribuzzjoni taħt l-SFS x'aktarx li jkomplu, filwaqt li l-kwistjonijiet li jillimitaw l-effiċjenza tal-SĦS se jippersistu (piżijiet potenzjali).

L-għażla Nru 2 hija newtrali għall-baġit iżda fiha inċertezzi żgħar rigward il-finanzjament tal-SĦS (l-ebda limitu fuq il-fondi globali tal-UE). It-tnaqqis fil-piż amministrattiv iżid il-proporzjon kostijiet-benefiċċji. Madankollu, id-distribuzzjoni tal-SFS se tkompli tiġi

kkaratterizzata minn varjazzjonijiet qawwija fl-effiċjenza (diskrepanzi kbar fl-ispejjeż tal-prodotti) u l-SĦS bl-istess effett deadweight potenzjali.

L-għażla Nru 3 tirriżulta f'infiq aktar effettiv b'distribuzzjoni iffokata, piż amministrattiv aktar baxx u bidliet fil-kondizzjonijiet ta' finanzjament. Id-distribuzzjoni iffokata fi ħdan il-baġit limitat hija mistennija li timmassimizza l-impatt. Bidliet fis-sussidju tal-ħalib jistgħu jnaqqsu potenzjalment l-ambitu iżda jżidu l-impatt meta mqabbel mal-kopertura ikbar b'impatt limitat.

7.3. Koerenza

L-għażla Nru 1 għandha potenzjal aktar limitat biex tindirizza l-bidliet li qed jevolvu (tendenzi ta' konsum) fis-soċjetà u tipprovdi kontribuzzjoni limitata għall-objettivi orizzontali ta' regolamentazzjoni aħjar u simplifikazzjoni. Madankollu tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-saħħa pubblika (speċjalment inugwaljanzi tas-saħħa) permezz tal-immirar u l-ipprijoritizzar bi strateġiji nazzjonali.

L-għażla Nru 2 tirriżulta f'effett importanti ta' simplifikazzjoni, u għalhekk għandha kontribuzzjoni akbar għal regolamentazzjoni aħjar u simplifikazzjoni. Hija pożittiva wkoll għall-objettivi tas-saħħa pubblika permezz tal-mezzi edukattivi għaż-żewġ skemi, li jikkontribwixxu lejn it-tiswir ta' drawwiet alimentari tajbin.

L-għażla Nru 3 għandha impatt ekonomiku ogħla fuq prodotti li jeħtieġu promozzjoni (frott u ħxejjex friski u ħalib tax-xorb) iżda impatt aktar baxx fuq prodotti oħra tal-ħalib u prodotti ta' frott u ħxejjex ipproċessati. Hija aktar konformi mal-objettivi tas-saħħa pubblika (ġestjoni tal-piż, inugwaljanzi tas-saħħa). Hija għandha wkoll l-ogħla effett ta' simplifikazzjoni.

8. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Bħalissa, l-SFS għandha sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fis-seħħ li tista' tiġi mtejba u użata bħala mudell għas-sistema futura.

Il-monitoraġġ għandu jsir fuq il-bażi tar-rapporti ta' monitoraġġ annwali (RMA) sabiex jitkejlu l-produzzjonijiet immedjati u jiġu ssorveljati l-miżuri ta' akkumpanjament.

L-evalwazzjoni tkun tikkonsisti:

- f'rapporti ta' evalwazzjoni mill-Istati Membri wara 5 snin ta' implimentazzjoni tal-iskema,
- f'evalwazzjoni esterna madwar l-UE kollha biex tivvaluta l-effikaċja ġenerali, l-effiċjenza, il-koerenza u r-rilevanza,
- mill-Grupp ta' esperti tal-UE li jridu jipprovdu parir lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni,
- fi studju dwar indikaturi tal-impatt fuq żmien twil.